# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI PRELIMINARI NRU. 684

KAZ NRU. 733

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Anthony Buttigieg

u

Medairco Ltd

dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta

Data : 12 ta' Frar 1996

Chairman : Is-Sur George Borg Cardona

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali mill-Onorevoli Ministru ta' l-Edukazzjoni u Rizorsi Umani b'ittra datata 2 ta' Dicembru 1992 b'referenza ME 62\92\72 skond il-provvedimenti ta' Artiklu 28(2) tal-Kap 266 tal-Ligijiet ta' Malta.

It-Tribunal zamm hdax-il seduta.

Anthony Buttigieg, il-quddiem jissejjah l-"appellant", kien assistit mill-Avukat Edward Woods LL.D. waqt li Medairco Ltd., il-quddiem tissejjah il-"Kumpanija", kienet assistita mill-Avukat Ivan Gatt LL.D.

Gew stabbiliti mix-xhieda jew dokumenti dawn il-fatti :

1. l-appellant gie mpjegat mal-Kumpanija bhala Service Manager fi Frar ta' l-1991 ;

2. fil-15 ta' Gunju 1992 kien involut f'incident tat-traffiku li fih wegga' ;

3. minhabba f'hekk kellu jiehu is-"sick leave" fuq parir mediku ;

4. tul iz-zmien li kien bis-"sick leave" kien taht il-kura ta' specjalisti fl-Isptar San Luqa, tat-tabib kuranti tieghu u gie nvistat mit-tobba tal-Kumpanija ;

5. waqt li kien ghadu bis-"sick leave" ircieva ittra datata 2 ta' Settembru 1992 minghand il-Kumpanija li fiha gie nfurmat li :

   (a) "......you have fully utilised your sick leave entitlement".

   (b) "You appreciate that the post of SERVICE MANAGER cannot remain vacant as this is causing great hardships to the Company".

   (c) "You are therefore requested to attend work as from next week commencing from 9th September 1992".

6. Hu rritorna ghax-xoghol kif mitlub fid-data ndikata izda ma nghatax xoghol ;

7. wara xi granet jitlob ix-xoghol gie nfurmat li ma kienx hemm xoghol ghalih u li kien ser jigi "redundant" ;

8. fil-fatt inghata ittra datata 15 ta' Settembru 1992 fejn gie nfurmat li l-impjieg tieghu qed jigi terminat fuq "grounds of redundancy".

Il-Kumpanija ressqet eccezzjoni li l-impjieg ta' l-appellant "gie terminat propju ghaliex gie meqjus bhala redundant". Ikkontendiet li ghal din ir-raguni t-Tribunal mhux kompetenti biex jisma' l-kaz ghaliex dan ma jirrigwardax tkeccija ngusta fis-sens li tirrekjedi

l-ligi.

Il-Kumpanija bbazat l-eccezzjoni principalment fuq dawn il-kunsiderazzjonijiet :

(a) li d-Diretturi tal-Kumpanija ngaggaw l-appellant bhala Service Manager biex iqajmu din is-sezzjoni, jaghtuha spinta u jzidu l-introjtu minnha :

(b) li qabel ma gie mpjegat l-appellant ma kienx hemm Service Manager "ad hoc" u x-xoghol kien isir minn persuni li kellhom xoghol iehor ;

(c) li l-hsieb tad-Diretturi li jqajmu s-sezzjoni tas-"servicing" ma sehhx ;

(d) li ma kienx hemm xoghol bizzejjed biex jiggustifika l-impjieg ta' Service Manager.

L-appellant ikkontenda li ma tkecciex minhabba nuqqas ta' xoghol ghaliex fil-fatt dan zdied. Waqt l-impjieg tieghu zdiedu n-numru ta' "gangs" fuq is-"servicing" u ntbaghtu persuni jistudjaw fuq "servicing" b'rizultat ta' inizjativi tieghu. Hu jikkontendi li l-Kumpanija wzat ic-cirkostanzi li nqalghu minhabba li wegga' f'incident tat-traffiku bhala skuza biex tittermina l-impjieg tieghu minghajr gustifikazzjoni.

Mix-xhieda li sema' t-Tribunal ma jirrizultax li d-Diretturi qabel ma hareg bis-"sick leave" l-appellant b'xi mod kienu qed jikkonsidraw li ma kienx hemm volum ta' xoghol li jiggustifika Service Manager "ad hoc" jew li l-persuna li qed tokkupa l-post kien sar "redundant". Lanqas li sa dak iz-zmien iddiskutew bejniethom jew ma ufficjali tal-Kumpanija dwar "redundancy".

Ma rrizultax mix-xhieda jew min xi dokumenti li x-xoghol naqas u wisq anqas li naqas b'mod tali li logikament wiehed jasal ghall-konkluzjoni li ma baqax il-htiega ghal Service Manager.

Huwa fatt li sat-2 ta' Settembru 1992 il-Kumpanija kienet ghada tikkontendi li ".....the post of SERVICE MANAGER cannot remain vacant....." u kienet qed titlob lill-appellant biex jidhol ghax-xoghol f'din il-kariga (l-ittra tal-Kumpanija datata 2 ta' Settembru 1992 immarkata AB 4).

Kien biss meta l-appellant rega' lura ghax-xoghol li tqajment il-kwistjoni ta' "redundancy".

It-Tribunal ma jistax jaccetta li l-Kumpanija ufficjalment tiddikjara fit-2 ta' Settembru li l-post ta' Service Manager ma jistax jibqa' vojt, titlob lill-persuna koncernata biex tidhol ghax-xoghol f'dik il-kariga fid-9 ta' Settembru u mbaghad, meta jidhol kif mitlub, sitt ijiem biss wara fil-15 ta' Settembru tiddikjara li huwa "redundant" u m'hemmx xoghol ghalih f'dik il-kariga.

It-Tribunal ma jistax jaccetta t-tezi tal-Kumpanija li l-impjieg ta' l-appellant gie terminat ghal ragunijiet ta' "redundancy".

Ghalhekk jichad l-eccezzjoni tal-Kumpanija u jiddeciedi li jkompli jisma' l-kaz fuq il-merti ta' jekk it-terminazzjoni ta' l-impjieg kinetx ghal raguni tajba u sufficjenti.

George Borg Cardona
CHAIRMAN

George Attard
SEGRETARJU
mrg